REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1125/2012

tas-26 ta' Novembru 2012

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1] ta' Dwana, u speċjalment l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan li jkun hemm l-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta'din it-tabella.

(4) Hu f'loku li jkun ipprovdut li informazzjoni tariffarja vinkolanti u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [2].

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif tidher fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja vinkolanti, maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li mhijiex skont dan ir-Regolament, tista' tkompli tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ għoxrin jum wara li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2012.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p.1.

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Magna li tinżamm fl-idejn, ikkontrollata minn mikroproċessur (ħekk imsejħa "pistola elettronika li tonfoħ arja taħraq") li tintuża biex jiġu ġġenerati temperaturi ta' bejn il-50 u s-630 °C, b'potenza massima ta' ġenerazzjoni ta' 2 000 W u dimensjoni ta' bejn wieħed u ieħor 26 × 20 × 9 ċm. Il-magna tinkorpora: — element li jsaħħan — fann b'mutur li jonfoħ l-arja bi 3 veloċitajiet differenti, — indikazzjoni viżwali tat-temperatura. Il-magna tintuża minn nies tas-sengħa, pereżempju biex titqaxxar iż-żebgħa, jitqaxxar il-kisi minn ma' kejbils, tingħata forma lill-PVC, għall-issaldjar ħafif, biex jiġi magħqud u mwaħħal il-plastik, biex jiġu magħquda flimkien pajpijiet u vireg tal-plastik u biex jiġu magħquda flimkien folji tal-plastik. (*) Ara l-istampa.	8419 89 98	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 2 tal-Kapitolu 84 kif ukoll mill-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 8419, 8419 89 u 8419 89 98. Peress li l-magna hija magħmula biex tintuża minn nies tas-sengħa u mhix tat-tip li normament tintuża fl-ambjent domestiku, il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 8516 bħala apparat domestiku elettrotermiku tat-tip użat għal skopijiet domestiċi hija eskluża. Il-magna tikkorrispondi għad-deskrizzjonijiet taż-żewġ intestaturi 8419 u 8467. F'konformità man-Nota 2 tal-Kapitolu 84, il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 8467 bħala għodda għaxogħol tal-idejn li tinkorpora mutur elettriku hija eskluża. Il-magna għaldaqstant għandha tiġi kklassifikata taħt il-kodiċi tan-NM 8419 89 98 bħala makkinarju għat-trattament ta' materjali permezz ta' proċess li jinvolvi bidla fit-temperatura.

(*) L-istampa għandha biss skop ta' informazzjoni.

